MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. REFALO JOSEPH S.

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 1513/2001/1

**Maltacom p.l.c**
**vs**

**Joanna Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fl-20 ta' Novembru, 2001 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tnejn u dsatax-il lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm319.47) ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 651713 li qabel kien 651250 (skond ma jirrizulta mid-Dok.A) u liema servizz gie nstallat fil-fond li jgib in-numru 50/2 fi triq San Pawl, Birzebbuga, u dana skond ma jidher mis-"service agreement" market Dok.B;**
**Illi l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda tal-P.L. Noel Scerri li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lill-attur. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija u tnejn u dsatax-il lira Maltija u sebgha u erbghin centezmu (Lm319.47) bl-imghaxijiet legali mill-20 ta' Novembru, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**